

# Għaliex il-knisja ta' Santa Marija fil-Qrendi ntgħażlet bħala parroċċa?



*Kitba ta' Dr Simon Mercieca*

Sas-sena li fiha l-Qrendi sar parroċċa għalih, it-territorju li llum jagħmel il-parroċċa tal-Qrendi kien magħmul min-numru ta' rħula distinti minn xulxin li primarjament kienu dawk ta' Ħal Manin, Ħal Lew, Ħas-Sejjieħ, il-Maqluba u l-Qrendi. Il-Qrendi twaqqaf bħala parroċċa separata mill-parroċċa taż-Żurrieq, waqt iż-żjara li l-Isqof Baldassare Cagliares kien qed jagħmel f'dan ir-raħal fl-1618. Sakemm saret din il-qasma, kien hemm raħal ieħor li fiż-żjara ta' qabel, naraw il-knejjes tiegħu jkunu deskritti mal-knejjes ta' Ħal Manin u dawk tal-Qrendi. Din kienet il-lokalità ta' Ħal Millieri.

Imma Ħal Millieri ma kienx ġie inkluż bħala parti minn din il-parroċċa ġdida, iżda baqa' jagħmel parti mill-parroċċa taż-Żurrieq. Il-mistoqsija tiġi waħidha. Għalfejn Ħal Millieri ma ġiex inkluż mal-bqija tal-parroċċa tal-Qrendi, bħall-irħula l-oħra tal-qrib, jiġifieri Ħal Manin, jew Ħas-Sejjieħ jew Ħal Lew u l-Maqluba? X'kienu r-raġunijiet li wasslu biex il-Qrendi ntgħażel bħala l-post għal din il-parroċċa ġdida?

Tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet tinsab fiż-żjara li l-istess Isqof Baldassare Cagliares kien għamel fiż-Żurrieq tliet snin qabel. It-twaqqif ta' din il-parroċċa l-ġdida kien ġie bbażat fuq din iż-żjara tal-1615. Dan joħroġ ċar minn dak li kien inkiteb fiż-żjara tal-1618 dwar it-twaqqif ta' din il-parroċċa ġdida.

Iż-żjara tal-Isqof Cagliares fil-Qrendi tal-1618 kienet l-ewwel waħda tiegħu f'din il-lokalità, għaliex fl-ewwel żjara pastorali li għamel tad-djoċesi, jiġifieri dik tal-1615, l-Isqof ma kienx ġie l-Qrendi iżda minflok kien bagħat żewġ ko-viżitaturi biex jagħmlu din iż-żjara minfloku. Cagliares kien għamel l-ewwel żjara pastorali sena wara li laħaq fl-1614. Il-ko-viżitaturi tal-Isqof flimkien mal-kappillan taż-Żurrieq kienu ġew il-Qrendi eżattament nhar l-10 ta' Diċembru 1615.

Kif kien jiġri ħafna drabi, l-Isqof kien iżur il-knisja parrokkjali u jħalli l-knejjes rurali f'idejn il-ko-viżitaturi li kienu jkunu Monsinjuri tal-Katidral. Hu bagħat lil dawn il-ko-viżitaturi tiegħu filgħodu kmieni biex iżuru l-knejjes taż-żona.

B'hekk, iż-żjara ta' Ħal Millieri, Ħal Manin u l-Qrendi saret l-għada li bdiet iż-żjara pastorali fiż-Żurrieq. Dawn kienu jagħmlu parti minn din il-parroċċa. L-itinerarju tal-viżta pastorali segwa rotta ġeografika loġika, tappa wara l-oħra, fuq rotta ċirkolari. Mela, malli l-Isqof żar il-knisja parrokkjali taż-Żurrieq huwa qabad idur il-kappelli filjali ta' ġor-raħal. Beda mix-Xarolla, eżatt fejn il-Mitħna (Sant' Andrija), u waħda wara l-oħra baqa' jżur il-kappelli sa ma qasam it-tul kollu tar-raħal u wasal fil-quċċata tan-Nigret (Santa Marija ta' Xagħr). L-għada, l-Isqof bagħat lill-ko-viżitaturi biex jibdew iżuru l-knejjes li kien hemm barra mir-raħal. Dawn marru lejn in-naħa t'isfel (direzzjoni lejn l-Imqabba) fejn fuq il-fruntiera mal-limiti ta' Bir Miftuħ huwa żar l-ewwel l-irħajjel ta' Ħal Millieri fejn eżamina l-erba' knejjes t'hemm isfel. Minn hemmhekk mar ftit 'il bogħod, voldieri fl-irħajjel ta' Ħal Manin (fejn illum hemm iċ-ċimiterju parrokkjali tal-Qrendi) fejn żar l-unika kappella li kellu dan l-irħajjel. Hekk kif komplew bil-vjaġġ daħlu l-Qrendi u żaru l-knejjes ta' dak ir-raħal. L-għada, baqgħu telgħin Ħas-Sejjieħ, imbagħad il-Maqluba u mbagħad Ħal Lew fejn kien hemm għadd ta' kappelli filjali dak iż-żmien fil-kampanja taż-Żurrieq. Imbagħad, minn Ħal Lew il-karozzella kompliet ir-rotta ċirkolari u erħitilha lejn Bubaqra fejn saret iż-żjara tal-knejjes t'hemmhekk. Il-ko-viżitaturi ħadu ħsieb li jidentifikaw kull raħal għalih. Il-knejjes ta' kull żona ġew deskritti skont ir-raħal.

F'dan l-istudju se nkun qed nitfa' l-ħarsa tiegħi fuq id-deskrizzjonijiet li dawn il-ko-viżitaturi taw tal-knejjes f'Ħal Manin u l-Qrendi, għaliex f'din id-deskrizzjoni jinsabu r-raġunijiet għaliex tliet snin wara, ittieħdet id-deċiżjoni biex il-Qrendi jkun magħżul bħala s-sede ta' parroċċa ġdida.

Fl-1615, Ħal Millieri kien ir-raħal bl-ikbar ammont ta' knejjes fil-madwar. Kien hemm waħda ddedikata lil San Mikiel li f'dik il-ħabta kien jieħu ħsiebha l-kappillan tal-Isla, Dun Vinċenz Caruana. Kien hemm oħra ta' San Ġwann l-Evanġelista, imbagħad kien hemm dik tal-Lunzjata. Fuq kollox kien hemm knisja qadima ħafna ddedikata liż-Żjara ta' Marija lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta. Dik tal-Lunzjata kienet l-aktar waħda importanti f'dan ir-raħal. F'Ħal Manin kien hemm biss knisja waħda ddedikata lil San Nikola. Fil-Qrendi kien hemm tliet knejjes. L-ewwel waħda kienet dik tas-Salvatur u t-tnejn l-oħra kienu ddedikati lil Santa Marija.

B'hekk, f'Ħal Millieri kien hemm erba' knejjes, f'Ħal Manin waħda u tlieta fil-Qrendi. F'Ħal Lew, il-knejjes kienu mxerrdin. Minn din iż-żjara joħroġ ċar li fil-bidu tas-seklu sbatax, l-ikbar knisja f'din iż-żona kollha kienet dik ta' Santa Marija fil-Qrendi. Din kienet għaddiet fl-importanza tagħha lil dik tas-Salvatur li sa ftit snin qabel kienet l-aktar waħda importanti li kien hemm f'dan ir-raħal, tant li kienu jkunu organizzati minnha saħansitra purċissjonijiet. Kienet għaddiet ukoll lill-knisja tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri.

Mela hawn għandna l-ewwel spjegazzjoni għaliex fl-1618, minn fost il-knejjes kollha li kien hemm fl-inħawi,




Mappa antika ta' Malta tal-1816 fejn hemm indikati t-tlett irħula żgħar li ffurmaw il-parroċċa tal-Qrendi

intgħażlet din ta' Santa Marija biex isservi bħala l-knisja parrokkjali.

Imma għaliex Ħal Millieri tħalla barra? Ir-raġuni tagħtiha din iż-żjara. Wara l-knisja tal-Assunta, l-aktar waħda importanti kienet dik tal-Lunzjata. B'hekk, meta Ħal Milleri inżamm separat u maqtugħ mill-Qrendi, ma tqiegħditx miegħu knisja li b'xi mod setgħet tkun 'rivali' fl-importanza tagħha ma' dik ta' Santa Marija.

Ir-responsabbiltà ta' dawn il-knejjes kienet taqa' fuq il-kappillan taż-Żurrieq. Il-kappillan Dun Nikol Bonnici kien jagħżel kurat biex jara li jagħmel l-obbligi marbuta ma' quddies f'dawn il-knejjes ta' dawn l-inħawi. Il-kappillan kien żamm il-prebendi jew benefiċċji marbuta ma' din il-knisja tal-Lunzjata għandu. Din hija t-tieni raġuni għaliex din ma ddaħħlitx mal-Qrendi iżda baqgħet amministrata miż-Żurrieq.

Issa f'dik il-ħabta kien hemm qassis, jismu Dun Luqa Camilleri. Dan kien qed jieħu ħsieb il-quddies fiż-żona, kemm f'dik tal-Qrendi u anke f'Ħal Manin. Kif kien jiġri f'dawk iż-żminijiet, il-qassisin riedu jaħdmu biex jgħixu. Hu kien jaħdem xi raba' wkoll li kien ġie mogħti lill-Knisja biex minnu jsir il-quddies. Bix-xogħol li kellu, Camilleri spiċċa ma bediex ilaħħaq. Beda jittraskura l-quddies. L-obbligi marbuta mal-knisja ta' Ħal Manin kien qed iwettaqhom, għaliex dawn kienu jorbtuh b'quddiesa u jgħid it-talb ta' filgħodu nhar il-festa. Iżda dawk marbuta mal-knisja tal-Assunta tal-Qrendi, fejn il-quddies kellu jsir kuljum, barra quddies ieħor marbut ma' nhar t'Erbgħa u l-Ġimgħa, u dak marbut mal-festi prinċipali, ma kienx qed ilaħħaqhom. Kien jagħmilhom darba kultant. Hawn tinsab it-tielet raġuni għaliex intgħażlet din il-knisja ta' Santa Marija bħala s-sede ta' parroċċa ġdida u għaliex din se ssir parroċċa għaliha. Din kienet knisja li kellha dħul biex minnha jsir numru ta' quddies.

Informazzjoni interessanti dwar dan Dun Luqa Camilleri nsibuha fil-ktieb ta' Monsinjur Vinċenz Borg bl-isem *The Maltese Diocese during the Sixteenth Century, Melita Sacra II*, Malta 2009. Skont informazzjoni mogħtija minn Borg, dan Luqa Camilleri kien bin Mikiel u kien miż-Żurrieq (Borg: 241).

Fil-kitba tiegħu, Borg joħroġ kemm kien bieżel dan il-qassis. Minbarra d-dmirijiet tiegħu fil-Qrendi u fl-inħawi tal-madwar, Camilleri kien serva wkoll bħala wieħed mit-tliet sagristani li kienu marbuta mal-knisja katidrali tal-Imdina. Fl-1582, sar il-kurat taż-Żurrieq. B'din il-kelma ma kinux qed jifhmu biha kappillan, iżda persuna li tieħu ħsieb dak li llum ngħidulhom żoni pastorali. Baqa' f'din il-kariga sal-1615. Kien f'dan il-perjodu li kien kurat taż-Żurrieq, li Camilleri kien akkwista numru ta' benefiċċji li nsibuhom imsemmija f'din iż-żjara pastorali.

Skont Borg, Camilleri kellu l-benefiċċju ta' art magħrufa bħala Ta' San Nikola tal-Medieħ. Dan ħadu fit-23 t'Awwissu 1586 (Borg: 521). Dan il-benefiċċju kien marbut mal-knisja ta' San Nikola li kien hemm f'Ħal Manin. Dan kien jorbtu li jagħmel quddiesa darba fis-sena u t-talb ta' filgħodu nhar il-festa tal-qaddis. Din il-knisja ta' San Nikola kellha numru t'ismijiet marbuta magħha li ma joħorġux f'din iż-żjara. Kienet magħrufa bħala li

qiegħda f'Tal-Bintichi. Fuq kollox, dan il-beneficċju kien jikkonsisti f'għalqa li kienet tinsab f'post magħruf bħala tal-Medieħ f'*contrada* jew qasam ta' San Ġakbu f'Ħal Kirkop (Borg: 521). Dan wassal biex din il-knisja bdew anke jsibuha bħala ta' San Nikola tal-Medieħ.

Fil-ktieb tiegħu, Borg isemmi wkoll żewġ beneficċji oħra li kellu Camilleri. Dawn kienu l-Bwar ta' Paglia jew Tas-Sinjura li kien ħadhom fit-18 t'Ottubru 1591 u dak tas-Salvatur tal-Ħandaq li ħadu fis-27 ta' Settembru 1594 (Borg: 241). Wieħed jissuspetta li dan tal-aħħar kien marbut mal-knisja b'dan l-isem li kien hemm fil-Qrendi. Fiż-żjara ta' din il-knisja, il-ko-viżitaturi ma jagħtu l-ebda beneficċju marbut ma' din il-knisja. Anzi, f'din iż-żjara jissemmew żewġ beneficċji marbuta ma' għelieqi. L-ewwel wieħed kien jismu tal-Għar u t-tieni wieħed Ta' Bir l-Għatx. Dawn kienu marbuta mal-knisja ta' Santa Marija tal-Qrendi. Dan Ta' Bir l-Għatx huwa l-istess bħal dak ta' Bwar ta' Paglia. Il-preżenza ta' dawn il-beneficċji hija r-raba' raġuni li ntgħażlet din il-knisja biex isservi ta' knisja parrokkjali. Din kienet l-aktar knisja li kellha beneficċji f'din iż-żona kollha. Kellha renti biex iżżomm kappillan.

Mal-knisja ta' San Nikola ta' Ħal Manin kien hemm oriġinarjament marbuta magħha art oħra magħrufa bħala ta' Xgħajret Mqalleb, iżda l-obbligi marbuta ma' din l-art ġew trasferiti fuq il-knisja tal-Assunta tal-Qrendi. Infatti, f'din iż-żjara tal-1615, naraw din l-art deskritta bħala parti mill-proprjetà ta' din il-knisja tal-Assunta. Din l-art ta' Xgħajret Mqalleb kienet tinsab fl-Imqabba, eżattament fit-tarf tar-*runway* fuq in-naħa l-oħra tat-Triq ta' Kandja. Dun Luqa Camilleri nsibuh jieħu ħsiebha fl-1594. Wara għaddiet għand Dun Ġużepp Bellia (Borg: 532). Fl-1615 insibuha mill-ġdid f'idejn Camilleri.

Fuq kollox, meta fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop, il-kappillan Carolus Taljana kien qed ikun assenti, jiġifieri madwar u qabel is-sena 1598, dan Camilleri kien wieħed minn dawk li mar jagħti daqqa t'id. F'dan il-perjodu, Ħal Kirkop kien għad għandu miegħu l-Imqabba u Ħal Safi (Borg: 394). Imbagħad meta fl-1615, il-parroċċa taż-Żurrieq ġiet vakata, Camilleri għamel żmien amministratur tagħha.

Ma' dawn id-dmirijiet kollha, Luqa Camilleri ngħata wkoll l-obbligu, anzi biex inkun eżatt, sar ko-adjatur tal-kappillan taż-Żejtun, Mattew Burlò (Borg, 219). Dan Burlò kien mill-Birgu u wieħed mill-aktar qassisin mgħallma ta' żmienu. Fl-1587, Burlò kien irrinunzja għall-prebenda jew kanonikat tal-katidral biex sar il-kappillan taz-Żejtun (Borg, 215-217). F'Ottubru tal-1615, Camilleri aċċetta li jsir ko-adjatur tiegħu, jiġifieri jibda jagħmel xogħol parrokkjali fiż-Żejtun bid-dritt li jilħaq kappillan minfloku. Biss Camilleri baqa' jżomm il-beneficċji fil-Qrendi u f'Ħal Manin. Dan jispjega għaliex kien qed ikun nieqes mill-Qrendi, inkluż mid-dmirijiet marbuta ma' quddies fil-knisja ta' Santa Marija. Hawnhekk għandna l-ħames raġuni għaliex il-Qrendi u ż-żona tal-madwar saru parroċċa. Dan sar biex il-preżenza ta' qassis tkun waħda permanenti fiż-żona.

Camilleri qatt ma ħa l-parroċċa taż-Żejtun, għaliex meta Burlò irriżenja fl-1625, din ir-riżenja saret favur Dun Antonius Micallef (Borg, 219) u b'hekk miet mingħajr qatt ma sar kappillan, nhar it-18 ta' Mejju 1648 u ġie midfun iż-Żurrieq.

Minn din iż-żjara tal-1615 toħroġ ukoll id-devozzjoni kbira li kien hemm lejn Santa Marija taħt it-titlu tal-Assunta fir-raħal tal-Qrendi. Fil-Qrendi kont issib żewġ knejjes iddedikati lill-Assunta u t-tnejn kienu qed jagħmlulha l-festa bl-ewwel għasar jew talb ta' sbieħ il-jum flimkien ma' quddiesa. Biss, dik li ntgħażlet biex isservi bħala dik parrokkjali kienet l-aktar waħda mfittxija min-nies tal-inħawi. B'hekk, minħabba din id-devozzjoni kbira li kellha din il-knisja, għandna nsibu s-sitt raġuni għaliex il-Qrendi ntgħażel bħala s-sede ta' parroċċa ġdida. Minbarra l-flus biex isir quddies kuljum, kienu qed ikunu organizzati festi kbar, f'dik il-ħabta marbutin ma' Santa Marija.

Xi ħaġa li kont issib mal-festa ta' Santa Marija tal-Qrendi u ma ssibx fi knejjes oħra kienet marbuta mal-ikel. Nhar Santa Marija ma kienx biss isir it-talb ta' filgħodu u quddies nhar il-festa, iżda wkoll li nhar il-festa kien isir kolazzjon jew żerda kif kienet tissejjaħ fil-passat. Issa minn deskrizzjonijiet li għandna, din iż-żerda kienet issir anke fil-festa tas-Salvatur marbuta mal-knisja li ġġib l-istess isem (Borg, 587). Biss, fis-seklu sbatax, iż-żerda ma baqgħetx issir f'din il-knisja. F'din iż-żjara nsibuha marbuta mal-knisja ta' Santa Marija u dik ta' San Nikola. Knisja oħra li kienet tagħti l-ikel nhar il-festa kienet dik tal-Lunzjata. Biss, hawn mhux żerda kien isir iżda ikliet nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Marzu għall-foqra. B'hekk, it-tradizzjoni taż-żerda kienet marbuta mal-Qrendi. Nafu, li fost l-ikel li kien jitqassam bħala parti miż-żerda kien hemm il-lewż (Borg: p. 532) u wisq probabbli ikel ħelu. Dan hu wieħed mis-sinifikati tal-kelma żerda fl-Għarbi. Wieħed ma jeskludix li ħobż, inbid u ikel ieħor kien jiġi wkoll ikkunsmat filgħodu nhar l-Għid tal-Assunta fil-Qrendi.

Ħaġa oħra li kont issib f'dawn l-inħawi marbuta ma' din il-knisja tal-Assunta kien l-għasar fil-veru sens tal-kelma. Fiż-żjara kien speċifikat li kien qed isir l-għasar jew vesper ta' lejlet il-festa filgħaxija. Kienu anke tħallew il-flus biex tkun iċċelebrata wkoll l-ottava ta' Santa Marija. Din kienet tfisser quddiesa tmint ijiem wara l-Assunta u bihom kienet tingħalaq il-festa tal-Assunta.

Insibu wkoll li din il-knisja kellha ċimiterju magħha. Il-knisja l-oħra li kellha ċimiterju kienet dik tal-Lunzjata ta' Ħal Millieri. Hawn għandna s-seba' raġuni għaliex intgħażlet din ta' Santa Marija bħala parroċċa. Il-fatt li qed isir id-dfin fiha juri li kienet importanti. Il-preżenza ta' ċimiterju mal-knisja tal-Lunzjata jispjega għaliex din ma ddaħħlitx parti mill-parroċċa l-ġdida. F'dik il-ħabta ma kienx normali li jkun hemm żewġ ċimiterji fl-istess parroċċa..

Fuq kollox, il-knisja tal-Lunzjata kienet l-aktar waħda importanti f'Ħal Millieri. Din kienet eqreb ġeografikament lejn iż-Żurrieq milli lejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Qrendi. Din hija raġuni oħra għaliex il-knisja ta' Santa Marija ntgħażlet bħala dik parrokkjali għaliex kienet l-aktar waħda 'l bogħod miż-Żurrieq u fl-istess ħin minn dik tal-Lunzjata, li ġeografikament kienet eqreb lejn il-

knisja parrokkjali taż-Żurrieq.

Fuq kollox, din il-knisja ta' Santa Marija kellha qanpiena tal-bronż, xi ħaġa rari għal dik il-ħabta minħabba li l-metalli ma tantx kienu jitħallew jiġru, speċjalment fil-kampanja, għaliex dawn setgħu faċilment jinsterqu mill-għadu waqt xi attakk fuq il-gżira. Il-Mori u l-Ottomani kienu jfittxu dawn il-metalli ħalli jużawhom biex minnhom jagħmlu materjal tal-gwerra. Knisja oħra li kellha qanpiena tal-bronż kienet dik tal-Lunzjata. Il-preżenza ta' din il-qanpiena tkompli tikkonferma l-importanza ta' din il-knisja u r-raġuni li nżammet separata mill-Qrendi.

Fl-aħħar u mhux l-inqas hemm il-fattur demografiku. Din iż-żjara ma turihx direttament, iżda b'mod indirett. L-aktar knisja li kien qed isir quddies fiha kienet dik ta' Santa Marija. Din tista' tkun indikazzjoni, li f'din il-parti, jiġifieri fiż-żona tal-Qrendi, kien hemm l-ikbar konċentrazzjoni t'abitanti. B'hekk fl-1618, meta saret din il-parroċċa, il-komunità tal-Qrendi kienet waħda sostanzjali, ferm u ferm ikbar minn dik ta' Ħal Millieri. B'hekk, quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jekk kien hemm komunità li kien ħaqqha tinqata' għaliha kienet dik li ddur mal-Qrendi, u magħha għaqqdu lil Ħal Manin u Ħal Lew.

B'hekk, permezz ta' din l-għażla, l-iżvilupp urban se jdur madwar din il-knisja ta' Santa Marija fil-Qrendi. Kieku l-għażla tal-parroċċa waqgħet fuq il-knisja tal-Lunzjata f'Ħal Millieri, l-istorja urbana ta' dan ir-raħal kienet tkun differenti. L-iżvilupp storiku kien idur madwar din il-knisja u dik ta' Santa Marija kienet tibqa' knisja żgħira rurali. B'hekk, din l-għażla ħadet dan il-fattur demografiku ma' fatturi oħra u dan fisser li dan ir-raħal kiber madwar il-knisja tal-Assunta, waqt li dik tal-Lunzjata baqgħet, bħalma tidher sal-ġurnata tal-lum, f'nofs il-kampanja, bi ftit abitazzjonijiet madwarha.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Chris Ebejer, is-Sur Joseph Anthony Debono u s-Sur Anthony Mangion tal-għajnuna tagħhom fil-kitba ta' dan l-artiklu.

## Deskrizzjoni ta' Casal Manin u tal-Qrendi skont iż-Żjara Pastorali tal-1615.

### Cas[al] Manin

*It[em] visitaverunt Ecc[lesi]a[m] positam in Casali Mani[n] de membris et pertinentiis Casali Zurrici sub invocate[ion]e[m] Sancti Nicolai quem habet altare lapideu[m] et Omnia necessaria.*

Bl-istess mod żaru l-knisja li tinsab fir-raħal ta' Manin, li hija parti u tagħmel mir-raħal taż-Żurrieq, taħt it-titlu ta' San Nikola li għandha altar tal-ġebel u dak kollu neċessarju.

*D.D. mandaverunt faci alia[m] icona[m] decentiorem quiaque ad pr[esent]is adest, est cerasa et parva.*

Is-sinjuri ordnaw biex issir pittura oħra iżjed xierqa minħabba li dik li hemm fil-preżent hija tal-injam u żgħira.

*Don Lucas Cammilleri uti Beneficiaties tenetur singulis annis celebrare vesperas cu[m] ientaculo, et missam in festa sancti Nicolai, ac accendere lampade[m] diebus consuetis, cui oneri hactenus satisfecit.*

Għax għandu l-benefiċċji, Dun Luqa Cammilleri hu miżmum li ta' kull sena jiċċelebra l-għasar biż-żerda u quddiesa fil-festa ta' San Nikola u jixgħel il-lampier kuljum, u dawn l-obbligi sa issa qed jissoddisfahom.

### Casalis Crendi: S[an]cti Salvatoris

*It[em] visitaverunt Ecc[lesi]a[m] subinvocat[ion]e[m] Sancti Salvatoris positam in Casali Crendi depertinentiis Casalis Zurrici quae habet altare lapideum et icona[m] cu[m] omnibus necessariis et campanula[m] tecto superposita[m] sustinit[que] devot[ion]em populi, qui ea[m] perpulchre[m] detineat. Asserit D. Curatus entrare quanda[m] obligate[m] ex decreto ultimae visitationis D.D. mandaverunt, ut inspeciatur, et providebitur de vire.*

## Fir-Raħal tal-Qrendi: Santu Salvatur

Bl-istess mod żaru l-knisja taħt l-isem ta' Santu Salvatur li tinsab fil-Qrendi u tappartjeni għar-raħal taż-Żurrieq li għandha altar tal-ġebel u pittura fuq l-injam u dak kollu neċessarju u kampnar fuq il-bejt. Hija miżmuma mid-devozzjoni tal-poplu u hija mill-aktar sabiħa. Is-sinjur kurat jassigura li jidħol għall-imsemmi obbligu kif joħroġ mill-aħħar digriet taż-żjara pastorali li s-sinjuri viżitaturi ordnaw li tkun eżaminata u terġa' tingħata li hemm bżonn mill-introjtu tagħha.

### Assu[mptio]nis B[eatae] M[ariae] V[irginis]

*It[em] visitaverunt alia[m] eccl[esi]a[m] in d[ict]o Casali subinvocat[ion]em Assumptionis Beatae Mariae, quae habet altare lapideu[m] cu[m] omnibus necessariis et decente[m] icona[m] habet campana[m] aena[m] tecto superposita[m] et ceometerium undique [circum] sp[ec]tum] muro. In d[ict]a ecc[lesi]a celebratur singulis diebus dominicis. Paulus, Dominicus et Joannis de Farrugia fi[lii] et haeredes q[uondam] Pauli Farrugiae eor[um] patris tenentur celebrari facere tres missas in festo conversionis Sancti Pauli, una[m] altera[m] in festo S[anctissimi] S[ancti] Ap[osto]li Petri et Pauli, et in die Annunciat[ion]i Beata Virginis*

## L-Assunzjoni tal-Beata Verġni Marija

Bl-istess mod żaru knisja oħra fl-istess imsemmi raħal taħt l-isem tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija li għandha altar tal-ġebel u dak kollu li hu meħtieġ u pittura tal-injam xierqa b'qanpiena tal-bronż imqiegħda fuq il-bejt u b'ċimiterju li hu mdawwar b'ħajt. F'din il-knisja f'kull jum tal-Ħadd jagħmlu ċ-ċelebrazzjonijiet. Pawlu, Duminku u Ġanni, kollha Farrugia, tfal u werrieta tal-mejjet Pawlu Farrugia, missierhom, marbuta li jagħmlu tliet quddisiet fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, oħra fil-festa tal-Appostli Pietru u Pawlu u fil-ġurnata tat-Tħabbira tal-Mulej lil Marija.

*f. 176v.*

*Asseruit D[ominus] Parochus nescire se satisfacere a quatuor annis. D[omini]. D. mandaverunt vocari p[resen]tes, quaod infra dies quatuor doceant de satisfact[ion]e alias etc.*

Il-Kappillan saħaq li ma kienx jafx jekk tul l-aħħar erba' snin, dawn l-obbligi ġewx imwettqa. Is-sinjuri

viżitaturi ordnaw li fi żmien erbat ijiem jiġu msejħa dawk preżenti biex jixhdu dwar dan it-twettiq.

*Dominicus Barbara cu[m] aliis coheredibus tenet[ur] celebrari facere p[rim]as vesperas cu[m] ientaculo et missa[m] in festo Assumpt[ion]is et hactemus satisfecit.*

Duminku Barbara, mal-werrieta l-oħra, hu miżmum li jagħmel iċ-ċelebrazzjonijiet tal-lawdi, biż-żerda u quddiesa fil-festa tal-Assunta u s'issa qiegħda ssir b'mod tajjeb.

Q[uondam] Simeon Spiteri obligavit quandam clausuram appellata[m] Taxiare't Michalleb obnoxiam celebrat[ion]is duar[um] missa[rum] die Veneris, et die Mercurii et celebrat[ion]e vesperar[um] in vigilia Assumpt[ion]is cu[m] distribution[m] ientaculi. Martinus Vella ad p[rese]n[ti]s possidet d d[ictas] clausuaras qui singulari hebdomada celebrari facit una[m] missa[m] tantu[m].

Il-mejjet Xmun Spiteri obbliga li ċertu għalqa li jisimha Ta' Xgħarejt Mqalleb marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' żewġ quddisiet kull nhar ta' Ġimgħa u nhar t'Erbgħa flimkien maċ-ċelebrazzjoni tal-għasar lejlet l-Assunta bit-tqassim tal-ikel filgħodu. Martin Vella, li fil-preżent għandu l-imsemmija għalqa, biex kull ġimgħa jagħmel quddiesa imma qed jagħmel waħda kultant.

*D.D. mandaverunt moneri ut satisfaciat in alias iuxta voluntate[m] defuncti, et interim compareat cora[m] R[everendissi]mo infra dies quattuor.*

Is-sinjuri viżitaturi ordnawlu li jwettaq l-obbligi l-oħra skont ix-xewqa tal-mejjet u li sadanittant jidher quddiem l-Isqof fi żmien erbat ijiem.

*Q[uondam] Angelus Spiteri instituit iuspat[ronatum] cuius d[icta] clausura appellatae talgar, qua[m] obligavit in celebrat[ion]e duar[um] missam singulari hebdomanda qui reliquit ius presentandi Simeoni Spiterio et Philippo, ac coe[teri[s] fratribus qui presentarunt ad d[ict]um ius pat[ronatu]s Rev[erendi] Don Luca[e] Cammilleri qua[m] mense cu[m] dimidio n[on] satisfecit d[ict]o oneri.*

Il-mejjet Anġelu Spiteri waqqaf ġuspatronat fuq l-imsemmija għalqa tiegħu li jisimha tal-Għar, u bih obbliga li jkunu ċċelebrati żewġ quddisiet kull ġimgħa u ħalla dan id-dritt biex jagħmluh Xmun Spiteri u Lippu, u l-bqija tal-aħwa li ppreżentaw l-imsemmi ġuspatronat lir-Reverendu Luqa Camilleri madwar xahar u maqsum fi tnejn, iżda mhux qed jonora l-imsemmi b'mod sodisfaċenti.

*D.D. mandaverunt moneri ad compareat[] cora[m] R[everendissimo] infra dies octo, et quod interim satisfaciat.*

Is-sinjuri viżitaturi ordnaw u ammonewh biex jidher quddiem l-Isqof fi żmien tmint ijiem u sadanittant irid jissodisfah.

*Q[uondam] Joanna, sive Giniana uxor q[uondam] p[redict]ti Angeli obligavit clausura[m] appellata[m] Tabirlhac in celebrat[ion]e tot missar[um] iuxta quantitate[m] redditus. Don Lucas Cammilleri possidet d[ict]am clausura[m] et nescitur an satisfecerit.*

Il-mejta Joanna jew Ġannina, il-mara tal-mejjet, imsemmi Anġlu, rabtet għalqa, imsejħa Ta' Bir l-Għatx biċ-ċelebrazzjonijiet ta' numru ta' quddiesa skont kemm għandha dħul. Dun Luqa Camilleri għandu din l-imsemmija għalqa u mhux magħruf jekk qiegħedx iwettaq dan l-obbligu.

*D.D. mandaverunt moneri, ut doceat de d[ict]am obligat[ion]e[m].*

Il-sinjuri viżitaturi ordnaw li jinkixef jekk qiegħed issir dan l-imsemmi obbligu.

*f. 177r.*

*Simeon Spiteri de d[ict]o Casali praesenti die cuius d[ict] a clausura appellata Cens Il Mueied tenetur celebrari facere missa[m] una[m] singolo anno infra octava[m] Asumptionis.*

Xmun Spiteri, mill-imsemmi raħal, fil-preżent għandu l-imsemmija għalqa magħrufa bħala Ċens il-Mwejjed u marbut li jiċċelebra u jagħmel quddiesa waħda fis-sena fl-ottava tal-Assunta.

## Assumptionis B[eatae] M[ariae] V[irginis]

*It[em] visitaverunt alia[m] ecc[lesi]a[m] in d[ict] o Casali sub invocatione Assump[tion]is Beatae Mariae Virginis quae[] habet altare lapideu[m] cu[m] omibus necessariis et decentem icona[m]. Demetrius Magro maritali nomine tanqua[m] possessor clausurae appellatae il gle'ichat tenetur celebrari facere p[rima] s vesperas et missam in festo Assumpt[ion]is Beat[ae] Mariae Virginis, qui hactenus satifecit.*

## Tlugħ tal-Beata Marija Verġni

Bl-istess mod żaru knisja oħra fl-istess raħal taħt l-isem tal-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija Verġni li għandha altar tal-ġebel u b'dak kollu neċessarju u pittura fuq l-injam xieraq. Dimitru Magro, f'ismu u f'isem martu bħala li għandu fil-pussess tiegħu l-għalqa magħrufa bl-isem Il Gle'ichat, hu marbut li jiċċelebra u jagħmel l-ewwel għasar (lawdi) u quddiesa fil-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Verġni u dan s'issa qed iwettqu

*D.D. mandaverunt adaptari altare per infra dies quindecim.*

Is-sinjuri viżitaturi ordnaw li jkun irranġat l-altar matul żmien ħmistax-il ġurnata.